# ULIED IR-RABA' T'GĦAWDEX

(Fl-Okkażjoni tal-Ftuħ Uffiċjali taċ-Ċentru Tagħhom)

*Ta'* MONS. ANTON GAUCI

*Labor vincit omnia*

Din hi l-ħajja tagħkom, bdiewa t'Għawdex;
Dan huwa ġidkom, twajba ħbieb raħħala:
Dal-ġebel tagħkom u dil-makna kbira
Li f'art twelidna qatt ma rajna bħalha.

Meta bil-qilla tagħha x-xemx tkun tisreġ
Fuqkom u fuq il-bhejjem ġwejda tagħkom,
Agħmlu kuraġġ: 'l hawn ħarsu u ftakru dejjem
Li din id-dar għad tilqa' frott dirgħajkom.

Kunu f'ħidmitkom bieżla u jgħinkom Alla,
Jibgħat l-ilmiet mis-Sema u l-art isebbaħ
Bi ħdura u frott li qalbkom b'kull ferħ jimla
Meta tiftakru f'xogħ'lkom li jkun rebaħ.

Issa m'għadkomx minsija: hawn min jaħseb
Fikom u fl-għaraq nieżel donnu dmija
Magħsur minn wiċċkom b'id li ma tafx ħniena —
Id il-faqar u l-bżonn, id it-tbatija.

'L hawn dejjem iġru: din id-dwejra tagħkom.
Jekk hija tikber, intom tikbru magħha.
Hi trid terfagħkom, tieħu dejjem ħsiebkom,
Għax il-ġid tagħkom l-ewwel xewqa tagħha.